**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 7 ta' Novembru, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kurt Zahra)**
**(Spettur Lara Butters)**

**-vs-**

**Sera Caruana Smith, detentrici tal-Karta ta Identita' numru 116283M**

*Kumpilazzjoni Numru 26/2017*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Sera Caruana Smith u ċioè talli:

1. Nhar il-21 ta` Novembru 2016, ghall-habta ta` 12:15 minn Playmouth Flats, Triq Testaferrata, Ta` Xbiex, flimkien ma persuna/i ohra, minghajr ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestajt, zammejt jew issekwestrajt lil Kaludio Guri b`numru tal-passaport J10812102B kontra l-volonta` tieghu, bil-hsieb ta` estorsjoni ta` flus jew hwejjeg ohra, jew biex l-istess Klaudio Guri ikun imgieghel jaccetta jaghmel trasferiment ta` hwejjeg;

2. Talli fl-istess jum, hin u lok, flimkien ma persuna/i ohra issekwestrajt persuna waqt li kkomettejt serq ta` 100€ fi flus kontanti, bi ksur ta` l-Artiklu 275 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. Talli ukoll fl-istess jum, hin u lok, flimkien ma persuna/i ohra ikkommettejt serq ta` mitt ewro (100€) fi flus kontanti, ghad–detriment ta` Klaudio Guri ta` nazzjonalita` Albena u/jew xi persuni/entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-'lok';

4. U aktar talli nhar il-21 ta` Novembru 2016 u fil-jiem ta`qabel, f` dawn il-gzejjer, f'hin mhux maghruf, xjentement lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg, cioe` mitt ewro (100€) fi flus kontanti, kartiera, u 'mobile phone' tal-ghamla Nokia, li kienu misruqa, u li valur taghhom ma jeccedix l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94 €).

5. U aktar talli nhar it-22 ta` Novembru 2016 wara li nghatajt il-helsien mid-detenzjoni tal-pulizija bil-kundizzjoni li tirrapporta gewwa Kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana, nhar l-01 ta` Dicembru 2016, inqast milli thares din il-kundizzjoni, bi ksur ta` l-Artiklu 355AL tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

6. U aktar talli rrendejt ruhek recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li gejt misjuba hatja b` diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li fis-seduta tallum l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe` wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qeghda tinstab htija fuqhom, l-ammissjoni taghha, il-fedina penali taghha minn fejn jirrizulta li l-imputata mhux *first-time offender* izda li tul dawn l-ahhar xhur l-imputata kienet ghamlet sforzi kbar biex tirriforma u li dan l-isforz kien beda jhalli l-frott. Mhemmx dubbju li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja izda tali cirkostanzi jimmeritaw li l-ħatja titqiegħed taħt ordni ta' probation. Din l-istess ordni u l-ksur potenzjali taghha zgur li ghandhom isservu ta' deterrent qawwi sabiex l-imputata tkompli fit-triq it-tajba li sa issa, qed turi determinazzjoni li ssegwi.

Gie kkunsidrat li r-raba imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghat-tielet imputazzjoni, u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess, filwaqt li l-ewwel imputazzjoni serviet ta' mezz ai fini sabiex jigi kommess ir-reat ravvizat fit-tieni imputazzjoni.

Gie kkunsidrat ukoll li l-mobile phone in kwistjoni gie rritornat lid-derubat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 86, 87(e), 261(e), 269(g), 275 u 355AL tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputata taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin, dan bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment li jifformaw parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma ssegwix id-direttivi li se jinghatawlha fil-perjodu ta' supervizjoni fuqha impost.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**